MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 48/2004

**International Automobiles Limited**

**vs**

**Mark Tanti**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u tmienja u sebghin Lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (LM1,578.32,0) liema somma hija dovuta skond tminn (8) kambjalijiet iffirmati mill-istess konvenut, li kopja taghhom qed tigi esebita, liema kambjalijiet skadew izda baqghu ma thallsux, nonostante li hu gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ lttra Ufficjali datata 2 ta’ Dicembru tas-sena 2003 u ta’ mandat ta’ Qbid pprezentat kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-24 ta’ Marzu tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------